32000L0084

2.2.2001 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 31/21

# ID-DIRETTIVA 2000/84/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tad-19 ta' Jannar 2001 dwar arranġamenti għall-ħin tas-sajf

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 fih imsemmi,

Wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) It-tmien Direttiva, 97/44/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1997 fuq arranġamenti ([4]) għall-ħin tas-sajf introduċiet data u ħin komuni fl-Istati Membri kollha, għall-bidu u t-tmiem tal-ħin tas-sajf fl-1998, 1999, 2000 u l-2001.

(2) Ladarba l-Istati Membri japplikaw arranġamenti għall-ħin tas-sajf, hu importanti għall-funzjonament tas-suq intern li jkunu stabbiliti data u ħin komuni għall-bidu u t-tmiem tal-perjodu tas-sajf fil-Komunità.

(3) Peress li l-perjodu tas-Sajf ikkunsidrat l-iktar xieraq mill-Istati Membri hu bejn l-aħħar ta' Marzu u l-aħħar ta' Ottubru, hu opportun li dak il-perjodu jinżamm.

(4) Il-funzjonament xieraq ta' ċerti setturi, mhux biss it-trasport u l-komunikazzjonijiet, imma wkoll setturi oħra ta' l-industrija, jitlob ippjanar stabbli fuq perjodu twil ta' żmien. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti disposizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħin tas-sajf għal perjodu li mhux speċifikat. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 97/44/KE jipprevedi li, f'dak ir-rispett, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw, sa l-1 ta' Jannar 2001, l-arranġamentli li għandhom japplikaw mill-2002 'il quddiem.

(5) Għal raġunijiet ta' ċarezza u akkuratezza ta' l-informazzjoni, kull ħames snin għandu jiġi ppubblikat orarju għall-implimentazzjoni tal-ħinijiet tal-perjodu tas-sajf għall-ħames snin li jkunu ġejjin.

(6) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha, barra minn hekk, tkun ikkontrollata permezz ta' rapport, li għandu jkun ippreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, fuq l-impatt ta' dawn id-disposizzjonijiet fl-oqsma kollha kkonċernati. Dak ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni mqiegħda għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni mill-Istati Membri fi żmien suffiċjenti sabiex ir-rapport ikun jista' jiġi ppreżentat fiż-żmien speċifikat.

(7) Ladarba l-armonizzazzjoni kompleta ta' l-orarju għall-perjodu tas-sajf bil-ħsieb li jkunu ffaċilitati t-trasport u l-komunikazzjonijiet ma tistax tintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk tista' tintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tieħu miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(8) Għal raġunijiet ġeografiċi, l-arranġamenti komuni għall-ħin tas-sajf ma għandhomx japplikaw għat-territorji 'l bogħod mix-xtut ta' l-Istati Membri,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva "il-perjodu tas-sajf" għandu jfisser il-perjodu tas-sena li fih l-arloġġi huma mressqa 'l quddiem b'60 minuta mqabbla mal-bqija tas-sena.

*Artikolu 2*

Mill-2002 'il quddiem, il-perjodu tas-sajf għandu jibda, f'kull Stat Membru, fis-1.00 a.m., *Greenwich Mean Time*, fl-aħħar Ħadd ta' Marzu.

*Artikolu 3*

Mill-2002 'il quddiem, il-perjodu tas-sajf għandu jispiċċa, f'kull Stat Membru, fis-1.00 a.m., *Greenwich Mean Time*, fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni għandha tippubblika komunikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ([5]), għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, li jkun fiha l-orarju li juri d-dati li fihom il-perjodu tas-sajf se jibda u jispiċċa għall-ħames snin li jkunu ġejjin.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fuq l-impatt tad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq is-setturi kkonċernati l-iżjed tard sal-31 ta' Diċembru 2007.

Dak ir-rapport għandu jitfassal fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mqiegħda għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni minn kull Stat Membru l-iżjed tard sat-30 ta' April 2007.

Jekk ikun hemm bżonn u skond il-konklużjonijiet tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti xierqa.

([1]) ĠU C 337, 28.11.00, pġ. 136.
([2]) Opinjoni moghtija fid-29 ta' Novembru 2000 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2000 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2000.
([4]) ĠU L 206, 01.08.97, pġ. 62.
([5]) ĠU C 35, tat-2.2.2001.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għat-territorji li qegħdin lil hinn mix-xtut ta' l-Istati Membri.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jaqblu ma' din id-Direttiva l-iżjed tard sal-31 ta' Diċembru 2001. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

*Artikolu 8*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 9*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-19 ta' Jannar 2001.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| N. FONTAINE | B. RINGHOLM |